MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

L-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020 fl-4.00pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Deputat Segretarju Eżekuttiv

NG S. Borg

Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 20.1 Talba;

20.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 20.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

20.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa, għalhekk ma' kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 18 u dawk tal-laqgħa b'urġenza nru 19 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

20.3.3 Is-Sur Horace Micallef talab biex fil-minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru 19, jiżdied, li hu kien staqsa lis-Segretarju tal-Bord, jekk jistax ikun hemm xi appell għal dan ir-riżultat. Is-Segretarju tal-Bord kien wieġeb li le. Is-Sindku informa lil Kunsill li fl-għażliet ta' Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivana fil-Kunsill Lokali tal-Fontana, dejjem ikun hemm żmien fejn applikanti l-oħra jistgħu jappellaw.

20.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.4.1 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li ntbagħtet l-ittra tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv lil Ministru l-Onor. Dr Jose' Herrera, responasabbli mill-Gvern Lokali.

20.4.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saru t-tabelli tan-NO ENTRY minn Triq il-Qalb ta' Ġesu' il'fuq fi Triq il-Għajn kif kien approvat fil-laqgħa

preċedenti. Is-Sur Horace Micallef qal li nbidlet it-tabella STOP ukoll.

20.4.3 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li t-tabella tal-konfini fi Triq ix-Xlendi tranġat.

20.4.4 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saret il-manutenzjoni ta' bankina pjuttost twila fil-bidu ta' Triq ta' Mulejja, liema talba kienet saret minn residenta.

20.4.5 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li l-Kunsill applika għall-van/minibus biex tintuża għas-servizz tar-residenti tal-Fontana, mill-iskema li ħarġet Transport Malta rigward il-*European Mobility Week.*

20.4.6 Is-Sindku qal li ħarġet it-tender *Works Tender for the Excavation of Trenches and Replacements of House Connections – Triq il-Għajn Fontana,* u din se tagħlaq fit-13 ta' Ottubru 2020. Rigward it-Tender *Service Tender for the Collection of Household waste form the Locality of Fontana Gozo in an Environmentally Friendly Manner,* hu informa li nfetaħ u kien hemm żewġ offerenti li wieħed minnhom qiegħed anqas minn dak ivvutat fil-baġit. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-membri f'dan il-bord ikunu jikkonsistu minn xi membri tal-Kunsill biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiffranka xi ħaġa tal-flus. Kien hemm qbil li l-membri tal-bord ikunu komposti mis-Sur William Sultana bħala *Chairman*, is-Sur Saviour Borg, Is-Sur Carmel Farrugia, is-Sur Jonathan Cefai u bħala Segretarju tal-Bord ikun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Horace Micallef ma jistax ikun fil-bord minħabba l-fatt li hu kien wieħed mill-*Opening Staff* ta' l-istess tender. Is-Sindku tenna li vera li dan it-tender ħareġ tlett darbiet, imma wera l-għaqal tal-Kunsill għax il-prezz naqas drastikament mill-istess kuntrattur tant li minn offerta ta' madwar €27,040 exc Vat niżlet għal madwar €20,080 exc Vat. Is-Sindku ssuġġerixxa biex inqabbdu lil Inġinier Matthew Cauchi biex jagħmel ir-rapport tekniku u imbagħad jiltaqa' l-bord biex jiddeċiedi. Kien hemm qbil.

20.4.7 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali li informa lil istess Kunsill li se jkun jħallas il-ġbir tal-Borża riċiklabbli ta' kull nhar ta' Tlieta u dik tal-ħġieġ ta' kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku informa lil Kunsill li minkejja li l-Kunsill talab *Expression of Interest* mingħand il-kumpaniji Green PAK u Green MT, ma ntwera l-ebda nteress. Id-Dipartiment għal Gvern Lokali ser ikun qiegħed jassisti bil-

ħlas sakemm tiġi solvuta din is-sitwazzjoni, liema *committment* li sar sal-aħħar tas-sena.

20.4.8 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li d-Dipartiment ħareġ skema SPI.SCI.3.2020 bit-titlu *Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'*. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja proġetti li jinkludi aktar inklużjoni soċjali, żieda fl-aċċessibilita' inkluża dik diġitali għal servizzi, postijiet ta' divertiment u rikreattivi, binjiet, parkeġġi u postijiet oħra pubbliċi u proġetti li jgħinu jilħaq livell ogħla ta' indipendenza u liberta', speċjalment dawk bi ħtiġijiet speċjali u vulnerabbli. Hu tenna li hemm applikazzjoni oħra fejn il-Kunsill jista' japplika għal apparat tal-logħob fil-*playingfield* jkun aċċessibli anke għall-persuni b'diżabilita'. Hu qal li tajjeb ifakkar li waħda mir-rekwiżiti mill-Kummissjoni tal-Persuni b'Diżabilita' dwar il-permess tat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku hi li jkun hemm apparat tal-logħob għal-persuni b'diżabilita'. Id-Dipartiment se jkun qed jiffinanzja massimu ta' 85%. Il-kumplament jitħallsu mill-Kunsill, tant li diġa' hemm maħsub għalihom fil-baġit ta' din is-sena. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill japplika għal minibus / van li taħdem bl-elettrikru. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill japplika b'dawn iż-żewġ applikazzjonijiet.

20.4.9 Is-Sindku informa li saret ukoll is-seduta tal-Qorti kontra l-Awtorita' tal-Artijiet, wara t-tieni rikors li hu kien ippreżenta fil-Qorti f'isem il-Kunsill. Dan ġie imħejji mill-Avukat Dr J. P . Grech flimkien miegħu. F'din is-seduta wkoll ngħtat is-sentenza mill-Maġistrat Dr Simone Grech dwar min ser iħallas l-ispejjeż ta' l-ewwel rikors li kien ressaq il-Kunsill fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dan ġie deċiż kontra l-Kunsill. Hu qal ukoll li fuq suġġeriment bil-miktub tal-Avukat Dr J. P. Grech, mill-aspett finanzjarju mhux *worth it* li l-Kunsill jappella minn din is-sentenza. Dwar it-tieni rikors li beda ukoll jinstema' f'din l-istess seduta nhar it-23 ta' Settembru 2020, xehed hu bħala Sindku. Hu informa lil dawk preżenti li issa l-Kunsill irid iressaq xi xhieda oħra min-naħħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li x-xhieda jkunu s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia għar-raġuni li ilhom diversi snin membri fil-Kunsill Lokali. Is-Sur Horace Micallef mill-2008 u s-Sur Farrugia mill-2013. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat id-dettaliji neċessarji ta' dawn il-kunsilliera lill-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku informa li l-avukat li dehret għall-Awtorita' tal-Artijiet kienet Dr Justyne Caruana. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-22 ta' Ottubru fl-10.25am. Is-Sindku qal li fis-seduta li

jmiss se jitilgħu jixhdu wkoll il-Perit Gordon Vella, ser isir affidavit mill-Perit Joseph Dimech u lil-Perit Anna Maria Attard Montalto li kienu responsabbli mill-proġett qabel il-Perit Gordon Vella, u rappreżentant mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

20.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntratt tas-servizz tat-tindif u l-manutenzjoni tal-Latrina Pubblika wasal biex jiġġedded għal-aħħar sena peress li jista' jiġġedded sa' erba' snin. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.4.11 Is-Sindku tenna li bħal lum tlett xhur ġie ffirmat il-kuntratt tat-tender tax-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-*porvido*. Sa llum il-kuntrattur għadu ma beda xejn. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jibgħat ittra rreġistrata lil kuntrattur. Is-Sindku tenna li kellmu kemm il-darba u l-aħħar darba li kellem lil kuntrattur infurmah li se jibda fix-xahar ta' Ottubru 2020. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill marbut b'kuntratt mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar li dan ix-xogħol jitlesta sa Novembru 2020. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat din l-ittra.

20.4.12 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li l-Kunsill bagħat l-ittra lis-Sinjura Catherine Fenech mill-Awtorita' tal-Artijiet u mehmuża ma' l-ittra kien hemm ukoll is-*site plan* ta' ħdejn l-Għejjun iffirmata mill-Perit tal-Kunsill. F'din l-ittra staqsa lis-Sinjura Fenech, li peress li hi kienet infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti f'Ġunju li għadda, li f'Marzu 2018 intbagħtu d-dokumenti tad-devoluzzjoni ta' l-Għajn l-Kbira, ta' l-Għajn ta' Bendu u x-xelter tal-Gwerra li jinsabu fi Pjazza l-Għejjun, il-Kunsill ġentilment reġa' talab li jintbagħtu dawn id-dokumenti. Dan wara li s-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien infurmat lil-Kunsill permezz ta' ittra li kull korrispondenza li kienet tirċievi dejjem resqitha fil-Kunsill.

## 20.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li rigward it-tkomplija ta' dan il-proġett, il-proċess quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar huwa wieqaf peress is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali trid li l-Perit jibgħat ritratti tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn minn ġewwa kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill għamel kuntatt telefoniku mal-Perit tal-Kunsill is-Sur Gordon Vella, u kien hemm qbil miegħu li ser imur jieħu r-ritratti neċessarji mitluba mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tal-fond 189/190 (minn

ġewwa) fi Triq il-Għajn. Saret ukoll is-seduta tal-Qorti nhar it-23 ta' Settembru 2020. Dettalji ta' din is-seduta ngħataw aktar il' quddiem f'dawn il-minuti.

## 20.6 Ħruġ ta' sejħiet ta' l-offerti

20.6.1 Is-Sindku qal li kif diġa ġie diskuss aktar il-quddiem fil-laqgħa, ħareġ it-tender *Works Tender for the Excavation of Trenches and Replacements of House Connections – Triq il-Għajn Fontana,* u dan se jagħlaq fit-13 ta' Ottubru 2020. Hu ssuġġerixxa bil-membri tal-bord ikun l-istess membri li evalwaw l-offerti ta' qabel u jkunu is-Sur William Sultana bħala Chairman, il-Perit Ganni Saliba, is-Sur Daniel Galea u l-Avukat Jonathan Mintoff. Kien hemm qbil.

20.6.2 Rigward it-Tender *Service Tender for the Collection of Household waste form the Locality of Fontana Gozo in an Environmentally Friendly Manner,* hu informa li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.

## 20.7 Ħatra ta' Skrivan/a fi Skala 15 *part time*

20.7.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li issa li ngħalaq il-proċess għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, wasal iż-żmien biex toħroġ is-sejħa għal skrivana fi Skala 15 *part time* (għoxrin siegħa fil-ġimgħa). Hu tenna biex il-Kunsill jimxi mal-proċeduri. L-ewwel is-sejħa għandha toħroġ internament fi ħdan il-Kunsilli Lokali kollha. Jekk ma' japplika ħadd, imbagħad din is-sejħa toħroġ fi ħdan il-persuni rreġistrati mal-*Jobsplus.* Jekk lanqas ikun hemm interess mill-persuni li qed jirreġistraw mal-*Jobsplus*, imbagħad din is-sejħa toħroġ għall-pubbliku inġenerali.

## 20.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

20.8.1 Korrispondenza mingħand is-Sa. Marguerite Delia minn Accord Insurance Brokers biex jiġu rinnovati l-poloz tal-assigurazzjoni dik tal-*Business Plan* u dik tal- *Group Personal Accident Insurance.* Kien hemm qbil li dawn jiġu rinnovati.

20.8.2 Direttiva DLG 06/2020 – Spejjeż tat-Tribunali Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.3 Korrispondenza mingħand il-Jobsplus rigward il-programm VASTE. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.4 Ċirkulari Nru AKL 2020/097 – Ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.5 Korrispondenza mingħand Is-Sa. L Camilleri De Bono mill-*Cultural Heritage Directorate* rigward *Christmas in Gozo tentative 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.6 Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Hili mill-*Planning Authority* rigward *Basemap Update – Capturing of Images.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.7 Korrispondenza mingħand is-Sa J. Camilleri mill-EUPA bis-suġġett *IMP Announcement: new 2020 call for applications.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.8 Korrispondenza mingħand il-Perit G.Vella rigward PA/02654/20 fejn informa lil Kunsill illi waqt il-proċess tal-applikazzjoni tal-PA biex jitkompla il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku, is-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali qed tinsisti li jiġu sottomessi ritratti dettaljati minn ġewwa tal-post illi għadu jrid jitwaqqa. Hu qal li billi hemm proċeduri fil-Qorti fil-konfront tal-persuna li bħalissa qed tokkupa l-post, hu talab direzzjoni sabiex isiru arranġamenti biex ikun jista' jieħu r-ritratti. Il-Kunsill qabel li l-Perit għandu jagħmel l-arranġamenti hu biex jieħu dawn ir-ritratti.

20.8.9 Korrispondenza mingħand id-Direttur is-Sur C. Galea rigward it-terminazzjoni tas-servizz mill-iskema *GreenPak* rigward il-ġbir tal-borża riċiklabbli u dik tal-ħġieġ

20.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/098 – *Equalcity Project – International Organisation for Migration in Belgium and Luxembourg.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.11 Korrispondenza mingħand is-Sur D. Ciappara mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita' Attiva u l-Persuni b'Diżabilita' rigward l-applikazzjonijiet għall-Premju Soċjeta' Ġusta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/100 – Ġbir ta' Ħġieġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.13 Korrispondenza mingħand is-Sa. L. Camilleri De Bono mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali rigward avveniment kulturali f'Għawdex għas-sena 2021. Il-Kunsill qabel li jibgħat dettalji dwar Jum il-Fontana.

20.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/101 – Ġbir ta' informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li tintbagħat l-informazzjoni rigward il-latrina pubblika li hemm fil-Fontana.

20.8.15 Korrispondenza mingħand il-PA rigward applikazzjonijiet ta' żvilupp nru: PA/05871/20, PA/05934/20 u PA/01626/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.16 Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Vella mill-WasteServ rigward *European Week for Waste Reduction 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.17 Korrispondenza mingħand is-N. Stevens mill-ADI rigward *Preparations of Master plans and technical guidelines for selected valley catchments in the Maltese Islands – Invitation to Focus Group Workshop on il-Wied tax-Xlendi.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.18 Korrispondena mingħand is-Sa. J. Cassar mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *Twin-City Protocol Buca, Turkey.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.19 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea rigward *Life Integrated Projects: promotion & EASME support*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.20 Korrispondenza mingħand Is-Sa. S Agius mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Tilqima kontra l-Influwenza lill-persuni li huma *homebound*. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jiġbor lista ta' dawk il-persuni li jkunu interessati.

20.8.21 Korrispondenza mingħand is-Sa. F. Mizzi dwar *Analysing the priorities of local councils towards green urban spaces with a focus on community gardens*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.22 Korrispondenza mingħand MEUSAC rigward Sessjoni ta' informazzjoni

mill-MEUSAC dwar il-fondi tal-EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.23 Korripsondenza mingħand Is-Sa. L Camilleri De Bono rigward *CleanUp Event*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.24 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward Taħriġ b'rabta mal-Proġett – Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.25 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Questionnaire on Green Urban Spaces*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.26 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward *Pink October Campaign*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li jinxtgħelu l-għejjun bħas-sena li għaddiet.

20.8.27 Ċirkulari AKL 2020/102 – Kollezzjoni żejda ta' ġbir ta' ħġieġ 03/09/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.28 Korrispondenza mingħand is-Sa. S Agius mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-*WIFI4EU*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.29 Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn Transport Malta rigward Tneħħija ta' Tabelli mit-Toroq mingħajn Permess ta' Transport Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.30 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Fully Digital European Week of Regions and Cities – Registration Open unitl 27th September 2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.31 SPI.SCI.3.2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'. Is-Sindku tenna li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel matul il-laqgħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.32 Ċirkulari DLG 07/2020 – Komunikat dwar ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sur Horace Micallef fakkar li s-soltu l-permessi joħorġu wara d-9.00am biex ma' jkunx

hemm kongestjoni tat-traffiku u ħabba taz-zibel.

20.8.33 Korrispondenza mingħand id-Direttur is-Sur C. Galea rigward laqgħat tal-Kunsill onlajn. Skond l-imejl, ill id-Dipartiment se jieħu azzjoni biex jagħmel l-emendi meħtieġa fl-Att dwar Gvern Lokali sabiex f'każijiet bħal dawn jista' jkun hemm deċiżjoni. Skond l-istess imejl, is-Sur Mario Fava rrisponda li personalment ma' jaqbilx mat-talba li laqgħat tal-Kunsill isiru onlajn għax ma jidhirx li hemm l-ebda emerġenza fil-pajjiż. Hu qal ukoll li ma jimmaġinax li l-Parlament jieqaf jiltaqa' u jibda jsir onlajn jew li l-Kunsilliera qed imorru mix-xogħol għad-dar u mid-dar għax-xogħol biss. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.34 Korrispondenza mingħand MEUSAC rigward *Online Conference: Post-2020 – R&I Challenges and opportunities in the EU and Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.35 Ċirkulari AKL 2020/103 – *Organic Waste Collection Invoice Status for 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.36 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Għażla ta' Kotba – Proġett Librerija fil-Lokalita'. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jintagħżlu l-Kultura, l-Antikita', l-Ambjent u Logħob tan-Nar bħala temi. Kien hemm qbil.

20.8.37 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Reviżjoni tal-Kapitolu 409 – Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.38 Korrispondenza mingħand l-ERA rigward *Invitation – Stakeholder meeting on amendments related to EIAs.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.39 Ċirkulari AKL 2020/104 – Siti ta' devoluzzjoni għand il-Kunsilli Lokali. L-Assoċċjazzjoni ser tkun qed tressaq suġġeriment lil Gvern Ċentrali sabiex il-ħlas fuq devoluzzjoni, ma tiġix imħallsa għas-sena 2021-2022, minħabba spejjeż addizzjonali li l-Kunsilli kellhom jagħmlu fil-kommunitajiet taghhom minħabba l-Pandemija. Din iċ-ċikolari tinnota li f' dan il-perjodu, il-Kunsilli Lokali wkoll għandhom jingħataw sospensjoni għal sena waħda biss. Il-Kunsill qabel li jintbagħtu d-dettalji tas-Sala tal-Komunita', *playingfield* u tal-Latrina bi prezz ta' €1,400 u l-prezz ta' €380 għas-sit 191, Triq il-Għajn, Fontana.

20.8.40 Ċirkulari AKL 2020/105 – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.41 Ċirkulari AKL 2020/106 – Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 37. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.42 Ċirkulari AKL 2020/107 – *Permanent Measure Competition – De Minimis Form.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.43 Ċirkulari AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li tinkiteb din l-ittra.

20.8.44 Ċirkulari AKL 2020/109 – Dati ta' għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li l-Kunsill jibgħat dawn id-dettalji.

20.8.45 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.46 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Ċerimonja tal-Preżentazzjoni tal-*Automated External Defibrillator (AED*) nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2020, fis-6pm. Is-Sindku informa li se jattendi.

20.8.47 Korrispondenza mingħand is-Sur N. Formosa bis-suġġett Għajnuna għall-Armar tal-Milied fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.48 Ċirkulari SPI/4/2020 – Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.49 Korrispondenza mingħand is-Sa. G. Zerafa Piccinino mill-Uffiċċju tal-President bis-suġġett *Poinsettias Campaign 2020 in aid of MCCFF.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.50 Ċirkulari AKL 2020/110 – *ADHD Awareness Month October.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.51 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali bis-suġġett *Life Webinars – Climate Neutral food and wood (6 -9*

*October 2020).* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.52 Korripondenza mingħand is-Sa. M. Bonello rigward l-estenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Iż-żmien tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġie estiż sas-27 ta' Diċembru 2020.

20.8.53 Korrispondenza mingħand is-Sa. Heidi Grech, eks Segretarju Eżekuttiv rigward dokumenti dwar id-devoluzzjoni tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u x-xelter tal-Gwerra fi Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku talab biex tinqara din l-imejl. Is-Sa. Heidi Grech qalet li l-Kunsill kien dejjem infurmat b'dak kollu li jkun qed jirċievi. Hi qalet ukoll li l-korripondenza kollha kienet tiġi *filed* fil-*files* rispettivi tagħhom. Hi qalet li ma tiftakarx dwar każijiet individwali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.54 Korrispondenza mingħand il-PA rigward applikazzjonijiet ta' żvilupp nru: PA/6146/20. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.55 Korrispondenza mill-AKL bis-suġġett SPI Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita''u Mobilita' – *Slow Streets Project*. Is-Sindku tenna li fuq il-proġett ta' l-*Slow Streets* il-Kunsill kien indika fejn ser isir ix-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-*porvido.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.56 Ilment Nru: 28/2020
Qed tilmenta' li fi Triq is-Sajjieda, hemm ħawt li qed iħammġu fih il-qtates u qed ikun hemm riħa tinten ħafna, speċjalment meta jixxarrab bix-xita. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jiċċekja ta' min hu biex ineħħih jew titneħħa l-ħamrija. Kien hemm qbil.

20.8.57 Ilment Nru: 29/2020
Qed jilmenta li hemm żewġ caravans kbar ipparkjati fi Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg u li hemm bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dakinhar filgħodu irċieva imejl mingħand l-istess resident fejn infurmah li l-*caravans* tneħħew mill-Pulizija. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat din it-talba lis-Sur H. Cefai mill-Ministeru għal Għawdex, peress li jekk din m'għadhiex privata taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex, billi din għadha triq bla wiċċ.

20.8.58 Ilment Nru: 30/2020
Qed jissuġġerixxa biex isir tindif ta' *culvert* li jinsab quddiem ir-residenza 45, fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Kien hemm qbil li l-Kunsill

jibgħat din it-talba lis-Sur H. Cefai mill-Ministeru għal Għawdex peress li din it-triq hija arterja għalhekk din taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex.

**20.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

20.9.1 Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai talab aġġornament fuq ir-restawr ta' l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Is-Sindki qal li jrid isir *method statement* mill-Parroċċa.

**20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

20.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 15/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' Settembru 2020 li tammonta għal €11,562.48 ġiet approvata u ffirmata.

**20.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

20.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2020, fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Deputat Segretarju Eżekuttiv